

# DUN ĠORĠ PRECA U S-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM

Dun Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880. Meta kien għadu żgħir marru joqgħodu l-Ħamrun.

Kien jattendi l-Liċeo tal-Belt. Darba, wieħed mill-għalliema tiegħu, Dun Ercole Mampalao, qallu: *"Preca, int għad tikber, u nies li jibżgħu minn Alla għad jidħlu fil-ħbiberija tiegħek u inti magħhom. Int issib xortik magħhom u huma jsibu xortihom miegħek"*. Wara l-Liċeo daħal is-Seminarju.

Meta kien wasal biex iqaddes sab ruħu f'sodda bla saħħa. Missieru ġablu lill-Professur Meli, li ma kellux tama li Ġorġ jgħix għax kellu pulmun niexef. Imma Dun Ġorġ meta kiber kemm-il darba qal: *"U missieri miet, u l-Professur miet, u jien b'pulmun wieħed għadni ħaj biex ngħallem."*

Għodwa waħda, fl-inħawi tas-Salib tal-Marsa. Dun Ġorġ lemaħ f'dehra tfajjel ta' xi 12-il sena li ordnalu jgħinu jimbotta karretta biż-żibel. Hu obda, u waqt li kien jimbotta ħass ħlewwa kbira u ma jafx x'ġara aktar. Fi spirtu ta' riflessjoni huwa kkonkluda li t-tfajjel ma kienx għajr Ġesù li kien qed jurih x'ried minnu, li jingħata b'ruħu u ġismu għat-tagħlim.

Minn qabel laħaq saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906, Ġorġ kien beda jagħmilha ma' xi żgħażagħ li kienu jiltaqgħu quddiem il-knisja ta' San Gejtanu. Hu kien jara li huma neqsin ħafna mit-tagħlim. Kera dar, in-numru 6 fi Triq Fra Diegu l-Ħamrun, biex ikun jista' jlaqqagħhom fiha. L-ewwel laqgħa hemmhekk saret il-Ħamis 7 ta' Marzu 1907.

Din l-għaqda ġdida bdiet tissejjaħ M.U.S.E.U.M., b'kelma bil-Latin għal kull ittra – **Magister Utinam Sequattur Evangelium Universus Mundus** – li bil-Malti tfisser: "Mgħallem, o li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju!"



Fl-1914, fil-gazzetti Is-Salib u Malta Tagħna, attakkaw lill-membri tas-Soċjetà tal-Museum għax kienu jżommu xagħarhom baxx u ma jlibbsux ingravata, għax kienu jissejħu 'appostli' u minħabba li l-għaqda tagħhom setgħet tqajjem xiżma fil-Knisja b'xi tagħlim żbaljat. Imma s-Soċji kienu jibqgħu b'fommhom sieket. Dun Ġorġ kien qed jgħallimhom il-perfezzjoni nisranija u huma kienu diġà qed jgħixuha.

Dun Ġorġ kellu devozzjoni lejn Ġesù Bambin, u xerred ma' kullimkien il-kelmiet **Verbum Dei Caro Factum Est** (L-Iben t'Alla sar Bniedem). Fl-1912 organizza l-ewwel purċissjoni bil-Bambin tal-Milied.

Fit-12 ta' April 1932 is-Soċjetà ġiet irrikonoxxuta uffiċjalment mill-Knisja u l-Arċisqof Mauro Caruana approva r-regolamenti tagħha.

Sar Monsinjur fl-20 ta' Ottubru 1952.

Minn żmien għal żmien, is-Soċjetà bdiet torganizza kors ta' lezzjonijiet għall-pubbliku, li jieħdu ġimgħatejn. F'dawn il-lezzjonijiet, li għadna sal-lum insejħulhom **Sajda Museumina**, għall-bidu, waħda mit-taħdidiet kien jagħmilha Dun Ġorġ u l-oħra l-ewwel SuperjurĠenerali Ewġenju Borg.

Dun Ġorġ għex ħajja ta' talb, fl-akbar umiltà, u kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna.

Kienu t-7.45 p.m. tal-Ħamis 26 ta' Lulju 1962 meta Dun Ġorġ ħalla din id-dinja. Jinsab midfun fil-Kripta tal-Kappella tad-Dar Ċentrali tal-Museum fil-Blata l-Bajda.

Sa minn ftit snin wara mewtu, ġiet iffurmata kummissjoni biex wara l-istudju meħtieġ, Dun Ġorġ jiġi dikjarat qaddis.